

Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat orīginarjament bl-Ingliż. Id-dokument orīginali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

ECHA/NA/12/46

L-ECHA tagħti parir lir-reġistranti biex jivverifikaw l-informazzjoni dwar il-kumpanija tagħhom f'REACH-IT

Wara l-aġġornament ta' REACH-IT f'Novembru, ir-reġistranti eżistenti ser jaraw min aktar irreġistra s-sustanza tagħhom jew min ippreżenta domanda b'suċċess. L-ECHA tagħti l-parir lir-reġistranti kollha sabiex jivverifikaw l-informazzjoni li ppreżentaw fid-dossiers tagħhom sa tmiem Novembru biex tiġi evitata divulgazzjoni mhux mistennja ta' informazzjoni.

Helsinki, 17 ta' Ottubru 2012 – Funzjoni ġdida f'REACH-IT ser tipprovi trasparenza sħiħa lir-reġistranti kollha li użaw l-istess identifikatur numeriku għas-sustanza tagħhom fid-dossiers tagħhom. L-għan tal-ECHA huwa li tgħin kemm lir-reġistranti eżistenti kif ukoll lill-utenti potenzjali biex jissodisfaw aħjar l-obbligi tagħhom ta' qsim tad-dejta u ta' sottomissjoni konġunta. Bil-verżjoni l-ġdida ta' REACH-IT, ir-reġistranti ser jaraw l-ismijiet kollha tal-entitajiet legali li rċevew reġistrazzjoni jew numru tad-domanda għall-istess sustanza.

Il-Paġna tal-Ko-Reġistranti ser tipprovi informazzjoni f'ħin reali dwar l-identità, id-dettalji ta' kuntatt ta' reġistranti oħrajn (jew tar-rappreżentant innominat tal-parti terza tagħhom - TPR) u r-rwol tagħhom fil-preżentazzjoni konġunta. Ser tintwera wkoll il-lista ta' dejta mitluba matul il-proċess tad-domanda jew wara aġġornament tat-tunnellaġġ. L-identità tat-TPR innominat tar-reġistranti (potenzjali) ser tiġi estratta b'mod awtomatiku mid-dossier tal-IUCLID tagħhom (taqsima 1.1).

L-ECHA tirrakkomanda bi ħġarha sabiex ir-reġistranti eżistenti u potenzjali, li diġà rnexxilhom jaġħmlu domanda u/jew li huma rregiistrati, jivverifikaw il-konsistenza tal-informazzjoni li ppreżentaw fid-dossiers tagħhom biex jiġi evitat milli jiġu ddivulgati b'mod mhux mistenni d-dettalji dwar il-kumpanija tagħhom stess. Fil-każ speċifiku ta' notifikasi skont id-Direttiva 67/548/KEE (NONS) preċedenti, kemm jekk intalbu f'REACH kif ukoll jekk le, l-ECHA tagħti parir lil sidhom sabiex jivvaluta jekk hemmx bżonn tiġi protetta l-identità tagħhom.

Konsegwentement, l-entitajiet legali li jixtiequ jemendaw l-i-status attwali tad-dossier tagħhom, pereżempju biex jintroduċu dettalji ta' kuntatt aġġornati tat-TPR, biex jgħaqqu jew iwaħħdu sottomissjonijiet konġunti eżistenti, ser ikollhom bżonn jippreżentaw aġġornament spontanu tad-dossier ta' reġistrazzjoni tagħhom qabel tmiem Novembru 2012.

Il-paġna ewlenija ta' REACH-IT ser tiġi aġġornata b'mod regolari biex tipprovi iktar dettalji dwar id-data ta' ħruġ tal-aħħar verżjoni ta' REACH-IT li ser tiġi ffriżata sad-data ta' skadenza għar-reġistrazzjoni li jmiss.

Iktar informazzjoni

- Aħbar tal-25 ta' Settembru 2012: ECHA/NA/12/44
- Il-paġna dwar il-Preżentazzjoni tad-Dejta u l-Manwali tal-Użu għall-Industrija dwar REACH-IT: <http://www.echa.europa.eu/mt/web/guest/support/dossier-submission-tools/reach-it/data-submission-industry-user-manuals>
 - Manwal tal-Użu dwar REACH-IT - Parti 2- Is-Sign-up u l-ġestjoni tal-kontijiet (iktar dettalji dwar it-TPR)
 - Manwal dwar il-Preżentazzjoni tad-Dejta 4: Kif Tgħaddi mill-Verifikasi tar-Regola Kummerċjali ("Enforce Rules") ("Regoli ta' Infurzar")